**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURIDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 30 ta` Gunju 2020**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Nru. 77/2019 JZM**

**B. Grima & Sons Limited (C 34602)**

***kontra***

**L-Avukat Generali u b`digriet moghti fit-23 ta` Jannar 2020 l-isem tal-intimat "L-Avukat Generali" gie jaqra "L-Avukat tal-Istat"**

***u***

**b`digriet moghti fit-13 ta` Gunju 2019 giet kjamata fil-kawza Concorde Developments Limited (C-38024)**

**Il-Qorti :**

## I. **<u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors li kien prezentat fl-<u>14 ta` Mejju 2019</u> li jaqra hekk:–

*1. Illi r-rikorrenti qeghdin iressqu dan ir-rikors peress li fil-proceduri fl-ismijiet `Concorde Developments Ltd` vs. B. Grima & Sons Limited` (Rik Gur 572/2011) gew lezi d-drittijiet fundamentali taghha b`mod partikolari d-dritt ghal smigh xieraq u imparzjali hekk kif imhares permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*

*2. Ili l-isfond ghal dan l-ilment huwa li fil-proceduri fuq imsemmija rrizulta li r-risposta guramentata tar-rikorrenti giet ipprezentata fir-Registru gurnata wahda wara li ghalaq it-terminu ta` ghoxrin (20) gurnata ghar-risposta mid-data tan-notifika.*

*3. Illi minhabba f`hekk, fl-ewwel dehra tal-5 t`Ottubru 2011, fuq talba verbali tal-avukat ta` `Concorde Developments Limited`, ir-risposta guramentata tar-rikorrenti giet sfilzata b`mod immedjat minn din l-Onorabbli Qorti u l-kumpannija esponenti tpoggiet fi stat ta` kontumacja u fl-istess waqt giet michuda wkoll it-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja. Dak li gara f`dawk il-ftit minuti kellu konsegwenzi serji u gravi ghar-rikorrenti li ghadhom isofru l-pregudizzju taghhom sal-lum.*

*4. Illi f`hakka t`ghajn ir-rikorrenti gew effettivament imcahhda mid-dritt li jiddefendu l-kawza meta fis-seduta tal-5 t`Ottubru 2011 il-Prim`Awla tal-Qorti Civili, sfilzat ir-risposta guramentata taghhom u, b`interpretazzjoni hazina tal-ligi (Art. 158 tal-Kap. 12) cahdet ukoll it-talba tar-rikorrenti sabiex jiggustifikaw il-kontumacja. Dan imbaghad wassal ghas-sentenza tat-2 t`Ottubru 2012 fejn ir-rikorrenti gew ikkundannati jhallsu s-somma ta` €84,131 lil `Concorde Developments Ltd`.*

*5. Illi fl-istadju tal-appell, fis-sentenza tas-27 ta` Jannar 2017, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri minkejja li qablet mar-rikorrenti li l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili interpretat b`mod zbaljat l-Art. 158 tal-Kap 12, cahdet dik il-parti tal-appell billi kkonkludiet, ukoll b`mod zbaljat, li r-rikorrenti kienu nghataw id-dritt*

*jiggustifikaw il-kontumacja taghhom izda naqsu milli jgibu l-provi ghal dan. L-appell intlaqa` in parti fuq il-mertu u r-rikorrenti giet ikkundannata thallas lil Concorde Developments Ltd. is-somma ta` €47,821 bl-imghax mit-2 t`Ottubru 2012.*

*6. Illi meta dan l-izball tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri gie rilevat fi stadju ta` ritrattazzjoni, l-istess Onorabbli Qorti naqset milli tifhem l-ilment tar-rikorrenti u fis-sentenza tat-2 ta` Marzu 2018, cahdet l-ilment tar-rikorrenti ghar-raguni li : "mill-atti tal-kawza ma tirrizulta li tressqet ebda prova sabiex tittenta tiggustifika l-istat kontumaci taghha". Ta` min jinnota wkoll li f`dik is-sentenza giet riprodotta s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti minflok is-sentenza tal-appell tas-27 ta` Jannar 2017 li minnha kienet proprju ntalbet ir-ritrattazzjoni.*

*7. Illi kif diga` gie sostnut ripetutament mir-rikorrenti, fis-seduta tal-5 t`Ottubru 2017, huma ma thallewx iressqu provi fuq il-kwistjoni tal-kontumacja hekk kif jidher ovvju mill-verbal ta` dakinhar tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili, li b`interpretazjoni u applikazzjoni zbaljata tal-Art. 158 tal-Kap. 12 cahdet it-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja dak il-hin stess waqt is-seduta. B`hekk mhuwiex gust dak li gie konkluz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri kemm fi stadju ta` appell u kif ukoll fi stadju ta` ritrattazzjoni, peress li r-raguni li ma tressqet ebda prova ghall-gustifikazzjoni ta` kontumacja kienet li ma thallietx taghmel dan mill-Ewwel Onorabbli Qorti b`interpretazzjortt u applikazzjoni zbaljata tal-Art. 158 tal-Kap. 12.*

*8. Illi l-kumpannija esponenti lanqas thoss li huwa gust fil-konfront taghha dak li nghad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri fil-konkluzjoni tas-sentenza (ritrattazzjoni) tat-2 ta` Marzu 2018 fejn inghad : "Ghandu jizdied li l-kwistioni tal-kontumacja ma kienx il-fattur determinanti fis-sentenza in kwistjoni kif jidher car mill-istess sentenza fuq riprodotta li ghaddiet sabiex b`mod ezawrienti tindirizza l-mertu tal-kawza."*

*9. Illi ghalkemm huwa minnu li kemm l-Ewwel Onorabbli Qorti u kif ukoll l-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri ghamlu ezami akkurat tal-provi fuq il-mertu xorta wahda jibqa` l-fatt li minhabba l-istat kontumacjali impost fuq ir-rikorrenti, il-Qrati dejjem kellhom quddiemhom verzjoni wahda, u cioe` l-provi migjuba biss minn Concorde Developments Ltd. B`hekk, kwalunkwe ezami fuq il-mertu,*

*profond u mirqum kemm seta` kien, kien dejjem wiehed zbilancjat u imparzjali a favur ta` Concorde Developments Ltd.*

*10. Illi f`kull kaz, anke` jekk ghas-sahha tal-argument il-Qrati kienu korretti f`kull stadju (li ma kienux), xorta wahda jibqa` l-fatt li l-prezentata ta` risposta mahlufa gurnata wahda (1) tard m`ghandha qatt twassal ghal dak li gara. Il-mod kif gie applikat u interpretat l-Artikolu 158 tal-Kap 12 f`din il-kawza fil-konfront tar-rikorrenti kiser b`mod gravi u serju d-dritt taghha ghal smigh xieraq u imparzjali u kif ukoll il-principju sagrosant tal-audi alteram partem`. F`dan il-kaz qatt ma kien hemm dubju li r-rikorrenti kienu qeghdin jopponu u jikkontestaw it-talba ta` Concorde Developments Ltd., tant li pprezentaw ukoll risposta mahlufa.*

*11. Illi inoltre`, il-proceduri legali fl-ismijiet `Concorde Developments Ltd` vs. B. Grima & Sons Limited` (Rik Gur 57212011) inbdew bhala ritaljazzjoni tas-sid beneficcjarju tal-istess `Concorde Developments Ltd`, Jeremy J. Debono in segwitu ghall-proceduri fl-ismijiet `B. Grima & Sons Limited vs. Jeremy J. Debono et` (Rik. Nru. 373/2011 SM/FDP - Diff. 23/10/2019) li ghadhom pendenti quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili (bi ksur ukoll tal-istess artikoli tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni li fuqhom imsejjes dan ir-rikors minhabba dewmien ezagerat (zmien ragonevoli), anke` meta mqabbel mal-fatt li l-proceduri mertu ta` dan ir-rikors gew ezawriti. Mill-atti taz-zewg kawzi jidher bic-car li hemm konnessjoni fuq il-mertu, u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta` din il-kawza. B`hekk ma kien hemm ebda dubju li r-rikorrenti kellhom kull interess jikkontestaw il-kawza ta` `Concorde Developments Ltd`.*

*12. Illi r-rizultat ta` dan kollu huwa li r-rikorrenti kienu kostretti jhallsu s-somma ta` madwar sebghin elf Euro (€70,000) lil Concorde Developments Ltd li kellha titolu ezegwibbli (sentenza finali) fil-konfront tar-rikorrenti. Dan oltre` ghall-ispejjez konsiderevoli li akkumulaw f`kull stadju tal-proceduri u li dejjem ghamlu tajjeb ghalihom ir-rikorrenti. Il-pagament a favur ta` Concorde Developments Ltd gie finalizzat f`Dicembru 2018 bl-izbank u thassir tal-garanzija bankarja li kienet saret ghall-finijiet tar-ritrattazzjoni..*

*13. Illi f`kull kaz l-uniku rimedju effettiv f`dan l-istadju ghar-rikorrenti huwa li jitpoggew fl-istat li kienu qabel inbdew il-proceduri legali fuq imsemmija fl-ismijiet `Concorde Developments Ltd` vs. B. Grima & Sons Limited` (Rik Gur 572/2011) permezz ta` kumpens*

*xieraq li jirrifletti t-telf finanzjarju li sofrew ir-rikorrenti permezz ta` tali proceduri, u dan bla hsara ghall-principju sagrosant li l-istess proceduri llum huma `res judicata` bejn il-partijiet.*

*14. Illi r-rikorrenti m`ghandhom ebda mezz iehor xieraq ta` rimedju disponsibbli ghalihom sabiex jindirizzaw u jikkontestaw il-ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom mertu ta` dan ir-rikors, u b`hekk kienu kostretti jirrikorru ghal dan irrimedju.*

*Ghaldaqstant, kemm ghar-ragunijiet indikati f`dan ir-rikors u kif ukoll ghal dawk li jistghu jingiebu matul is-smigh ta` dan ir-rikors, ir-rikorrenti qeghdin umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti :*

*(1) Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti m`ghandhom u qatt ma kellhom ebda mezz iehor xieraq ta` rimedju disponsibbli ghalihom sabiex jindirizzaw u jikkontestaw il-ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom mertu ta` dan ir-rikors, u b`hekk kienu kostretti jirrikorru ghal dan ir-rimedju.*

*(2) Tiddikjara u tiddeciedi li fil-proceduri fl-ismijiet `Concorde Developments Ltd` vs. B. Grima & Sons Limited` (Rik Gur 572/2011) gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq u imparzjali hekk kif imharsa permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*

*(3) Tiddikjara u tiddecedi li permezz tal-imsemmija proceduri legali r-rikorrenti B. Grima & Sons Ltd. sofrew pregudizzju u telf finanzjarju minhabba li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom ghal smigh xieraq u imparzjali hekk kif imharsa perrmezz tal-Artikolu 39 tal-Kostittuzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*

*(4) Tillikwida b`mod effettiv kumpens gust u xieraq spettanti lir-rikorrenti minhabba dan il-ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom, bl-uniku rimedju effettiv jkun li jregga` lir-rikorrenti fl-istadju li kienu qabel inbdew il-proceduri fuq imsemmija fl-ismijiet `Concorde Developments Ltd` vs. B. Grima & Sons Limited` (Rik Gur 572/2011), u b`hekk tali kumpens ghandu jirrifletti t-telf finanzjarju li sofrew ir-rikorrenti permezz ta` tali proceduri.*

*(5) Tordna lill-intimat ihallas il-kumpens hekk likwidat lir-rikorrenti.*

*(6) Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi u r-rimedji l-ohra kollha li tqis xierqa u opportuni.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta li pprezenta l-Avukat Generali (illum Avukat tal-Istat) fit-28 ta` Mejju 2019 li taqra hekk :-

*Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija msejsa fuq l-allegazzjoni li fil-proceduri fil-Qorti Civili fl-ismiiiet "Concorde Developments Ltd vs. B` Grima & Sons Limited" (rikors mahluf numru 572/2017 gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti b`mod partikolari d-dritt ghal smigh xieraq u imparzjali hekk kif imhares permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan essenzjalment peress illi fil-kawza msemmija hija tpoggiet fi stat ta` kontumacja.*

*Illi l-pretensjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti huma nfondati fll-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti minn din l-Onorabbli Qorti u dan ghar-ragunijiet segwenti li qeghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin :*

*1. Illi in linea preliminari, in-nuqqas ta` ntegrita` tal-gudizzju peress illi in vista tal-fatt illi l-qofol ta` din il-kawza titratta dwar fatti u allegazzjonijiet illi fihom kienu involuti terzi senjatament is-socjeta` Concorde Developments Ltd u peress illi l-ezitu ta` dawn il-proceduri jista` jkollhom effett fuq l-imsemmija socjeta`, l-esponent ihoss illi din is-socjeta` kellha tkun parti minn dawn il-proceduri.*

*2. Illi fil-mertu l-esponent jecepixxi illi d-dritt tas-socjeta` rikorrenti li tidher ghall-process gudizzjarju u tiddefendi ruhha kontra t-talbiet li saru kontriha ma jistghux jitqies f`termini assoluti.*

*3. Illi fil-kaz odjern ma tezisti ebda vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ghal smigh xieraq, la taht il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-*

*Konvenzjoni u dan peress illi kienu n-nuqqasijiet tas-socjeta` rikorrenti stess li wassluha ghas-sitwazzjoni taghha.*

*4. Illi ghalkemm ir-rikorrenti giet debitament notifikata bil-proceduri kontriha u kellha kull dritt li tikkontesta l-azzjoni, kienet hi stess li kolpozament naqset milli timxi mat-terminu stabblit fl-artikolu 158(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta. Wara li hija stess naqset milli tressaq id-difiza formali taghha fit-termini mposti fil-ligi, ma tistax tilmenta li hi giet b`xi mod pregudikata. Tali qaghda hija biss rizultat tal-ghemil taghha u dan peress illi l-isfilz tan-nota ta` eccezzjonijiet taghha sehh biss b`konsegwenza tan-nuqqas tar-rikorrenti li timxi ma` dak stipulat fl-artikolu 158(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*5. Illi l-atti ta` dawn il-proceduri ma juru l-ebda sforz u ebda volonta` min-naha tas-socjeta` rikorrenti sabiex l-istat ta` kontumacja taghha tigi sanata u terga` tidhol fil-kawza bhala parti ntegrali. Wara li n-nota ta` eccezzjonijiet giet sfilzata fl-udjenza tal-5 ta` Ottubru 2011, is-socjeta` rikorrenti ghalkemm fil-poteri taghha, ma ressqet ebda talba formali sabiex tiggustifika l-kontumacja u dan kif setghet taghmel ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta. L-ghodda procedurali kienet hemm u s-socjeta` rikorrenti setghet tuzahom izda l-istess socjeta` ghazlet li ma tressaqx rikors biex tippustifika l-pozizzjoni taghha.*

*6. L-esponent jeccepixxi wkoll illi s-socjeta` attrici falliet ukoll ghaliex ebda rapprezentant taghha ma deher la fl-ewwel jum appuntat mill-Ewwel Qorti ghas-smigh tal-kawza u lanqas fis-seduti sussegwenti.*

*7. Illi s-socjeta` rikorrenti diga` ressqet l-ilment dwar l-allegat ksur tad-dritt taghha ghal smigh xieraq fil-proceduri fil-kawza Concorde Developments Limited vs B. Grima and Sons Limited` quddiem il-Qorti tal-Appell permezz tal-ewwel aggravju fl-appell li hija ghamlet mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-konfront taghha tat-2 ta` Ottubru 2012. Il-Qorti tal-Appell iddecidiet dan il-punt fis-sentenza taghha tas-27 ta` Jannar 2017 u sabet illi l-ilment tas-socjeta` konvenuta rigward l-allegat nuqqas ta` smigh xieraq mhuwiex gustifikat u dan peress illi kienu l-istess nuqqasijiet tas-socjeta` rikorrenti li wassluha ghas-sitwazzjoni taghha (ara fol. 18 tas-sentenza).*

*8. Illi l-esponent jishaq ukoll illi l-fatt illi r-rikorrenti kienet kontumaci fil-proceduri quddiem il-Qorti Civili ma jfissirx illi hija tilfet id-drittijiet kollha taghha jew li giet meqjusa li ammettiet jew li allura l-kaz kien wiehed fejn mhumiex qed jikkontestaw it-talbiet attrici. Skont il-gurisprudenza nostrana il-fatt li persuna tkun kontumaci hija xorta meqjusa bhala kontestazzjoni u allura l-attur xorta wahda jibqaghlu l-oneru li jressaq provi sodisfacenti in sostenn tat-talba tieghu. Min-naha tieghu l-kontumaci ghandu l-fakolta` li jiddefendi ruhu permezz ta` nota ta` sottomissjonijiet fl-ahhar stadju tal-kawza u anke permezz ta` appell li jista` jsir mis-sentenza li eventwalment tinghata kif fil-fatt ghamlu r-rikorrenti fil-kaz odjern.*

*9. Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni huma ntizi li jassiguraw li matul il-process gudizzjarju l-persuna in kwistjoni tkun inghatat smigh gust fejn kellha l-garanziji kollha naxxenti mid-dritt sancit fl-artikolu 39 tal-Kostitazziori u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huma artikoli li jitrattaw l-procedura li tkun giet uzata sabiex il-Qorti tasal ghad-decizjoni taghha fl-intier taghha u dan sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm lezjoni tal-msemmija drittijiet fundamentali o meno. Ghaldaqstant huwa erronju li wiehed jiehu episodju partikolari u jishaq fuqu minghajr ma jara t-totalita` tal-proceduri. Jinghad hawnhekk illi sabiex ikun jista` jigi stabbilit jekk hemmx lezjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bneidem wiehed irid jezamina l-proceduri fit-totalita` taghhom. Fil-kaz odjern meta wiehed jara t-totalita` tal-proceduri jirrizultali ma hemm ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.*

*10. Illi f`kull kaz ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, la taht il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-Konvenzjoni, u ghalhekk it-talbiet taghhom ghandhom jigu michuda.*

*11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*12. Bl-ispejjez.*

**Rat illi fl-ewwel appuntament tal-kawza, u cioe` l-udjenza tat-13 ta` Gunju 2019, kienet indirizzata *in primis* l-ewwel eccezzjoni preliminari. In vista tan-natura tal-lanjanza mertu**

**tal-azzjoni, l-eccezzjoni kienet meqjusa favorevolment fis-sens illi kienet ordnata l-kjamata fil-kawza tas-socjeta` Concorde Developments Limited. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni preliminari kienet irtirata.**

Rat ir-risposta li pprezentat il-kjamata fil-kawza fl-<u>10 ta` Lulju 2019</u> li taqra hekk :-

*1. Illi t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontriha.*

*2. Fl-ewwel lok jinghad li jekk hemm xi ksur ta` drittijiet fundamentali, dawn ma jistghu qatt jigu mputati lill-kumpanija intimata izda lill-Istat.*

*3. Illi jinghad ukoll li l-kumpanija rikorrenti ghandha tindika liema wahda mill-proceduri li hija ssemmi bhala li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghha u cioe` dawk il-proceduri maghmulin quddiem l-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Civili, dawk maghmulin quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell fi stadju ta` appell mis-sentenza tal-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Civili jew inkella dawk maghmulin quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell fi stadju ta` ritrattazzjoni. F`dan ir-rigward, il-kumpanija intimata tifhem li dawn huma diretti lejn il-proceduri li nzammu quddiem l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Concorde Developments Limited vs B. Grima & Sons Limited [Rik. Mah. Nru. 572/2011) u ghalhekk qieghda zzomm ferm id-dritt taghha li tressaq risposta ulterjuri f`kaz li l-ilment jirrigwarda wkoll xi allegazzjoni ta` ksur ta` drittijiet fundamentali maghmula fl-istadju tal-appell jew tar-ritrattazzjoni tal-kawza hawn appena msemmija.*

*4. Illi jkun utili wkoll, li f`dan l-istadju, l-Onorabbli Qorti tordna l-allegazzjoni tal-atti processwali kollha fl-ismijiet Concorde Developments Limited vs B. Grima & Sons Limited [Rik. Mah. Nru. 572/2011) l-ghaliex fir-rejalta`, l-provi f`din il-kawza jridu bilfors jaghmlu referenza ghall-imsemmija atti processwali.*

*5. Illi fil-mertu jinghad li l-kumpanija rikorrenti ma tistax, ghan-nuqqasijiet taghha, issa tuza dawn il-proceduri sabiex tipprova tottjeni rimedju kostituzzjonali u titlob it-thassir tal-proceduri kollha antecedenti ghal dawk odjerni bejn il-partijiet.*

*6. Illi ukoll, fil-mertu, u dan b`referenza ghall-verbal tal-kawza fuq imsemmija tal-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Civili datat 5 ta` Ottubru 2011 indikat mill-kumpanija rikorrenti, jinghad li kienu saru zewg talbiet f`dik is-seduta. Wahda mill-kumpanija Concorde Developments Limited u ohra mill-kumpanija B. Grima & Sons Limited. Dawn iz-zewg talbiet, li jirrizultaw mill-imsemmi verbal kienu dawn :*

*<u>L-Ewwel Talba maghmula mill-kumpanija intimata odjerna, allura attrici</u> :*

*"Dr. Kevin Camilleri Xuereb jirrileva illi n-nota ta` eccezzjonijiet giet ipprezentata tard b`gurnata u ghalhekk jitlob l-isfilz". (sottolinejar u enfazi tal-intimata).*

*<u>It-Tieni Talba maghmula mill-kumpanija rikorrenti odjerna, allura konvenuta</u>:*

*"Dr. Tonio Cachia jirrileva illi hekk jidher mill-atti izda s-socjeta` konvenuta halfet l-eccezzjonijiet fit-terminu preskritt izda ghal xi raguni t-timbru tal-Qorti qed jirrifletti mod iehor. Itlob li jiggustifika l-kontumacia". [sottolinejar u enfazi tal-intimata).*

*<u>Id-digriet tal-Prim` Awla tal-Qorti Civili</u>*

*"Il-Qorti wara li semghet id-difensuri tal-partijiet tiddikjara li f`dawn ic-cirkostanzi il-ligi hi cara u ma ghandhiex il-jedd jew fakulta` li tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissana dak li l-ligi tikkmanda b`mod car. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti tilqa` t-talba ghall-isfilz tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta stante li pprezentati tardivament u tordna li l-eccezzjonijiet jigu imnehhija mill-atti". (sottolinejar u enfazi tal-intimata).*

*Jigifieri, mhux minnu li l-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba tar-rikorrenti ghal gustifikazzjoni tal-kontumacja. Proprjament ma kienx hemm decizjoni u l-kumpanija rikorrenti qatt ma ghamlet xi rikors biex titlob lill-qorti tiddeciedi din it-talba taghha maghmula fl-imsemmi verbal tal-5 ta` Ottubru 2011 jew inkella tressaq rikors jew provi sabiex tiggustifika l-kontumacja taghha. Dan il-kumpanija rikorrenti qatt ma ghamlitu u ma tistax issa tipprova tuza dawn il-proceduri sabiex tissana dan in-nuqqas taghha. L-Onorabbli Qorti tal-Appell dahlet ukoll fuq dan l-aspett, l-ghaliex dan kien wiehed mill-aggravji mressaq mill-kumpanija rikorrenti odjerna mill-appell maghmul mid-decizjoni tal-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Civili datata*

*2 ta` Ottubru 2012, u l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell cahdet tali aggravju l-ghaliex ma kienx gustifikat.*

*7. Illi apparti dan kollu, l-kumpanija rikorrenti diga` kienet resqet l-ilment tal-ksur tad-drittijiet fundamentali taghha quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, u dik l-Onorabbli Qorti cahdet dik it-talba peress li skont hi, kienu l-istess nuqqasijiet tal-kumpanija rikorrenti odjerna, f`dawk il-proceduri li wassluha ghas-sitwazzioni taghha.*

*8. Illi jinghad ukoll li l-kumpanija rikorrenti resqet in-nota ta` sottomissjonijiet taghha quddiem l-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Civili hekk kif inghalqu l-provi quddiem dik il-Qorti skont il-ligi u sahansitra appellat u anke resqet rikors ghal ritrattazzjoni. Dan kollu juri li mhux minnu kien hemm xi lezjoni tad-drittijiet fundamentali msemmija mill-kumpanija rikorrenti fir-rikors taghha.*

*9. Illi lanqas ma huwa konsentit ir-rimedju li qieghda titlob il-kumpanija rikorrenti fil-ligi taghna u cioe` li hija titqieghed fis-sitwazzjoni li kienet qabel inbdew il-proceduri fl-ismijiet Concorde Developments Limited vs B, Grima & Sons Limited (Rik. Mah. Nru. 572/2011).*

*10. Illi ghalhekk, mehud kollox f`daqqa, u cioe` l-process gudizzjarju shih f`kull stadju tieghu, tal-proceduri fl-ismijiet Concorde Developments Limited vs B. Grima & Sons Limited (Rik. Mah. Nru. 572/2011) ma jistax jinghad li kien hemm xi lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-kumpanija rikorrenti u ghaldaqstant ghandhom ukoll jigu michuda t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.*

*11. Salv ir-rizerva maghmula hawn fuq u salv id-dritt tal-kumpnaija intimata li tressaq risposti ulterjuri kemm ta` fatt u kemm ta` dritt fi stadju ulterjuri skont il-ligi.*

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta` Lulju 2019 kienet milqugha talba tal-partijiet ghall-allegazzjoni ghall-fini ta` prova ta` l-process tal-kawza fl-ismijiet `*Concorde Developments Limited vs B. Grima & Sons Limited*`*, Rik. Gur. Nru. 572/11 MCH.*

Rat l-atti tal-process allegat.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Isaac Grima kif ukoll id-dokumenti li kienu annessi.

Semghet ix-xiehda ta` Dr Jeremy Debono u l-kontroezami ta` Isaac Grima.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Provi</u>

### 1. <u>Xhieda</u>

**<u>Isaac Grima</u>** (direttur tas-socjeta` rikorrenti) [`**<u>B. Grima`</u>**] xehed li B. Grima kienet ipprezentat kawza kontra Jeremy u Nydian Debono sabiex tithallas ghall-appalt ta` xogholijiet li kienu saru fil-pool tad-dar tal-konvenuti. Din il-kawza ghadha pendenti.

Kompla jixhed li fl-14 ta` Gunju 2011, Jeremy Debono ghan-nom tal-kumpannija Concorde Developments Limited (`**<u>Concorde</u>**`) ipprezenta kawza kontra B. Grima dwar l-istess xogholijiet. Qal illi f`din il-kawza huma ma setghux jiddefendu ruhhom u l-qorti tat sentenza fit-2 ta` Ottubru 2012 fejn ma akkordatx favur Concorde l-ammont kollu li tieghu kienet qeghda tippretendi li tithallas. B. Grima appellat u l-Qorti ta` l-Appell fis-sentenza taghha laqghet parti mill-aggravji taghha. Wara din id-decizjoni, B. Grima pprezentat procedura ta` ritrattazzjoni. It-talba taghha ghal ritrattazzjoni kienet michuda. Il-konsegwenza ta` dan kollu kienet illi B. Grima kellha thallas lil Concorde l-ammont ta` €69,000.

Fil-**kontroezami**, kien mistoqsi jekk qattx kien sema` bil-frazi `kontumacja` u huwa wiegeb li qatt ma sema` dik il-kelma. Mistoqsi mill-qorti meta saru jafu bil-kawza li kienetipprezentat Concorde, xehed li saru jaf biha wara li kienet deciza.

**Dr. Jeremy Debono** xehed illi huwa direttur ta` Concorde. Xehed illi B. Grima hallset lil Concorde l-ammonti kollha li kienu dikjarati mill-qorti bhala dovuti lilha bhala konsegwenza tal-kawza li Concorde kienet ipprezentat kontra taghha.

## 2. Proceduri gudizzjarji

### a) Concorde Developments Limited vs B. Grima and Sons Limited (Rik Gur Nru 572/2011) deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta` Ottubru 2012

Mill-atti jirrizulta li B. Grima kienet notifikata bir-rikors guramentat fl-**20 ta` Lulju 2011**.

Minn fol 80 jirrizulta li r-risposta guramentata kienet konfermata bil-gurament fid-**9 ta` Awissu 2011**.

Izda mit-timbru ufficjali tal-prezentata li jidher fuq ir-risposta guramentata jirrizulta li B. Grima pprezentat ir-risposta guramentata fl-**10 ta` Awissu 2011**.

**Ghalhekk ir-risposta guramentata kienet prezentata tard [Art 158(1) tal-Kap 12].**

Fl-ewwel appuntament tal-kawza, li kien fil-5 ta` Ottubru 2011, Concorde, wara li rrilevat lill-qorti li r-risposta guramentata kienet ipprezentata tard, talbet l-isfilz tar-risposta guramentata. Min-naha taghha, B. Grima, filwaqt li kkonfermat li d-data tal-gurament fir-risposta guramentata kienet id-9 ta` Awissu 2011, it-timbru tal-prezentata *ghal xi raguni* (kliem id-difensur ta` B. Grima) kien qed *jirrifletti mod iehor* (kliem l-istess difensur). Ghalhekk B. Grima talbet li tiggustifika l-kontumacja. Fl-istess udjenza, il-qorti tat digriet fejn inghad hekk :-

*Il-Qorti wara li semghet id-difensuri tal-partijiet tiddikjara li f`dawn c-cirkostanzi il-ligi hi cara u ma ghandhiex il-jedd jew fakulta li tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissana dak li l-ligi tikkmanda b`mod car. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti tilqa` t-talba ghal isfilz tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta stante li ipprezentati tardivament u tordna li l-eccezzjonijiet jigu imnehhija mill-atti.*

Jirrizulta li wara kien konkluz il-gbir tal-provi, B. Grima nghatat il-fakolta` li tipprezenta nota ta` sottomissjonijiet, kif irid l-Art 158(10) tal-Kap 12. Fil-fatt din in-nota kienet prezentata fil-31 ta` Lulju 2012. Il-kawza kienet deciza fit-2 ta` Ottubru 2012.

Minn qari tas-sentenza, jirrizulta li ghalkemm Concorde avvanzat pretensjoni ghall-hlas ta` danni kontra B. Grima fl-ammont ta` **€296,620**, kienet likwidata favur Concorde s-somma ta` **€84,131** abbazi ta` konsiderazzjonijiet u ragunijiet li kienu mfissra b`dettall fid-decizjoni tal-qorti.

b) **Concorde Developments Limited vs B. Grima and Sons Limited (Rik Gur Nru 572/2011/1) deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta`Jannar 2017**

B. Grima pprezentat rikors ta` appell.

Jirrizulta li wiehed mill-aggravji tal-appellanti kien illi l-ewwel qorti sfilzat ir-risposta guramentata bla ma hallietha tiggustifika l-kontumacja taghha.

Wara li kienet notifikata bir-rikors tal-appell, Concorde pprezentat risposta u appell incidentali.

L-appell kien deciz fis-27 ta` Jannar 2017 billi :-

- Kien michud l-aggravju tal-appellanti li l-ewwel qorti sfilzat ir-risposta guramentata bla ma thalliet tiggustifika l-kontumacja taghha.

- Kien milqugh parzjalment l-aggravju li kien jirrigwarda d-danni, fis-sens illi l-Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza tal-

ewwel qorti billi rriduciet il-quantum tad-danni ghall-ammont ta` **<u>€47,281</u>** sabiex b`hekk B. Grima kienet ikkundannata thallas lil Concorde dak l-ammont bl-imghax legali b`effett mit-2 ta` Ottubru 2012 sad-data tal-effettiv pagament.

- L-appell incidentali kien rigettat.

- Concorde kienet ordnata thallas l-ispejjez tal-appell incidentali, waqt li l-ispejjez l-ohra kollha kellhom jithallsu in kwantu ghal terz minn Concorde u in kwantu ghal zewg terzi minn B. Grima.

**c) <u>Concorde Developments Limited vs B. Grima and Sons Limited (Rik Gur Nru 572/2011/2) deciza mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta` Marzu 2018</u>**

Wara s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell, B. Grima pprezentat rikors ghar-ritrattazzjoni ta` l-kawza abbazi tal-Art 811(l) tal-Kap 12.

Dan is-subinciz jippermetti li l-kawza tinstema` mill-gdid :

" … *jekk is-sentenza kienet l-effett ta` zball li jidher mill-atti jew* mid-*dokumenti tal-kawza*.

*illi jitqies li jkun hemm dak l-izball fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq supposizzjoni ta` xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubbju eskluza jew fuq is-supposizzjoni li ma jkunx jezisti xi fatt li lverita` tieghu tkun stabbilita posittivament basta li, fil-kaz wiehed u liehor, il-fatt ma jkunx fatt kontestat li gie deciz bis-sentenza"*

Wara li ghamlet rassenja tal-principji tad-dritt li jirregolaw l-istitut tar-ritrattazzjoni in generali u tad-disposizzjoni partikolari citata mir-ritrattandi fl-isfond tal-fattispeci tal-kaz odjern, il-Qorti tal-Appell cahdet it-talba ghar-ritrattazzjoni bl-ispejjez kontra B. Grima.

## III. <u>Sottomissjonijiet tal-partijiet</u>

**Il-partijiet ghamlu sottomissjonijiet bil-miktub, fejn anke ghamlu referenza ghal gurisprudenza dwar allegat ksur tal-**

**jedd ghal smigh xieraq fil-kuntest ta` kontumacja ta` konvenut.**

**Il-Qorti rat id-decizjonijiet citati mill-partijiet u tathom konsiderazzjoni ghall-fini tal-pronunzjament taghha tal-lum.**

**F`dan l-istadju sejra tirreferi ghall-argumenti li saru.**

## 1. <u>Ir-rikorrenti</u>

**<u>Fil-qosor</u>**, tissottometti li mhijiex qeghda taghmel l-argument illi l-Art 158(10) tal-Kap 12 fih innifsu huwa leziv tad-dritt ghas-smigh xieraq. Li qed jinghad min-naha taghha huwa li l-interpretazzjoni li tat l-Ewwel Qorti ghal dik id-disposizzjoni u l-applikazzjoni taghha mhux biss kienu zbaljati izda lesivi ghad-dritt taghha ghal smigh xieraq. In-nuqqas tal-Ewwel Qorti kien illi fl-udjenza tal-5 ta` Ottobru 2011 ippronunzjat ruhha fis-sens illi d-disposizzjoni ma kenitx taghtiha diskrezzjoni li tqis jekk il-kontumacja taghha kenitx gustifikata jew le. U abbazi ta` dak in-nuqqas ordnat l-isfilz tar-risposta guramentata.

Tishaq illi konvenut m`ghandux ikun privat minn difiza ghaliex ir-risposta guramentata tkun prezentata tard u dan b`omagg ghal *audi alteram partem* li huwa principju ewlieni tal-gustizzja naturali. Ikompli jinghad li ghall-izball ta` terz m`ghandux jigi ppregudikat konvenut li jiddefendi ruhu f`kawza.

Tirrileva li fil-kaz tal-lum irrizulta minn timbru tal-qorti li r-risposta guramentata kienet prezentata l-ghada li kienet mahlufa minn rapprezentant taghha. Ghalhekk ma setax jigi mputat nuqqas lilha. Aghar minn hekk fl-udjenza tal-5 ta` Ottubru 2011 l-Ewwel Qorti cahdet it-talba taghha ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja bla ma ppermettiet li jitressqu provi.

Skont ir-rikorrenti, l-gharbiel li ghandha taghmel din il-Qorti sabiex tistabilixxi jekk kienx hemm ksur tal-jedd taghha ghal smigh xieraq ghandu joqghod fuq tliet principji :

- Irid jigi stabbilit bi provi cari u univoci li rrinunzjat espressament jew tacitament ghad-dritt li tidher jew li

tiddefendi ruhha, inkluz li naqset milli tikkontesta jew tappella minn decizjonijiet tal-qorti.

- Irid jigi stabbilit jekk kienx hemm nuqqas o meno tad-dritt ta` smigh xieraq tenut kont tat-totalita tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta` mumenti minnhom.

- Irid jigi stabbilit li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien gustifikat li fl-ahjar interess tal-gustizzja jew minhabba xi raguni legittima ohra tkun imcahhda mid-dritt li tiddefendi ruhha.

Tikkontesta l-argument tal-intimat li t-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja qatt ma saret. Infatti mill-verbal tal-udjenza tal-5 ta` Ottubru 2011, jirrizulta li t-talba saret izda kienet michuda. Ir-rikorrenti ntavolat appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti dwar il-mertu.

Tirrileva li mhux biss l-Ewwel Qorti kienet zbaljata izda anke l-Qorti tal-Appell meta kkonkludiet li hija kienet inghatat id-dritt li tiggustifika l-kontumacja taghha izda naqset li ggib u milli jgibu l-provi dwar dan.

Issostni li anke fl-istadju tar-ritrattazzjoni ppersista l-izball meta l-Qorti tal-Appell baqghet ma fehmitx l-ilment taghha meta qalet illi : *mill-atti tal-kawza ma tirrizulta li tressqet ebda prova sabiex tittenta tiggustifika l-istat kontumaci taghha.*

Tishaq illi r-raguni ghaliex ma ressqet ebda prova ghall-gustifikazzjoni ta` kontumacja kienet ghaliex l-Ewwel Qorti ma taghthiex l-opportunita`, billi skont dik il-Qorti, l-Art 158(10) tal-Kap ma kienx jippermettilha dak l-ezercizzju.

Tghid illi t-tliet kriterji fuq riferiti gew sodisfatti u ghalhekk l-proceduri mehuda fit-totalita` taghhom kien miksur il-jedd taghha ghal smigh xieraq.

Bhala rimedju ghal-lezjoni subita, ir-rikorrenti talbet : i) illi titqieghed fl-istat li kienet qabel bdiet il-kawza fl-ismijiet *Concorde Developments Ltd vs B. Grima & Sons Limited* ; jew li ii) tinghata

kumpens finanzjarju li jirrifletti t-telf li kellha ; jew iii) it-thassir tal-proceduri kollha li gabu l-lezjoni.

## 2. **<u>L-intimat</u>**

**<u>Fil-qosor</u>**, l-Avukat tal-Istat jissottometti li l-fatt li s-socjeta rikorrenti baqghet kontumaci ma jfissirx li hija tilfet d-drittijiet taghha jew li ammettiet it-talbiet attrici, ghaliex stat ta` kontumacja mhuwiex meqjus bhala ammissjoni anzi jitqies bhala kontestazzjoni. Kwindi jibqa` l-obbligu tal-attur li jipprova b`mod sodisfacjenti t-talbiet. Lill-konvenut kontumaci jibqaghlu d-dritt li jekk irid jipprezenta nota ta` sottomissjonijiet quddiem l-Ewwel Qorti qabel din taghti sentenza, u li anke jinterponi appell. Hekk ghamlet ir-rikorrenti.

Jirrileva li fil-kaz prezenti, ma tirrizulta l-ebda vjolazzjoni tal-jedd ghal smigh xieraq billi kien in-nuqqas tas-socjeta rikorrenti li wassal biex issib ruhha fi stat ta` kontumacja. Il-fatt li wassal ghall-isfilz tar-risposta guramentata huwa mputabbli ghall-eghmil tar-rikorrenti.

Tosserva li ma kien hemm ebda sforz min-naha tar-rikorrenti sabiex tissana l-posizzjoni taghha. Ma saret l-ebda talba formali sabiex tiggustifika l-kontumacja.

Jinghad illi l-ilment li r-rikorrenti qeghda taghmel fil-kawza tal-lum diga` sar quddiem il-Qorti tal-Appell u din tal-ahhar sabet li ma kienx hemm lezjoni.

## 3. **<u>Il-kjamata fil-kawza</u>**

**<u>Fil-qosor</u>**, tirrileva li ghandu jkun l-Avukat tal-Istat li jwiegeb ghall-allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta rikorrenti. Ghalkemm ghandha kull interess li tkun parti fil-kawza odjerna, m`ghandhiex titqies bhala kontradittur ghar-rizultat li jrid jinkiseb mir-rikorrenti. Ghandu jkun biss l-Istat (rapprezentat mill-intimat) li ghandu jwiegeb ghall-istanza kif promossa mir-rikorrenti bhala legittimu kontradittur taghha.

Tissottometti li l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex li nghatat sentenza kontra taghha meta ma kenitx debitament notifikata bir-rikors guramentat taghha izda li l-fatt li r-risposta guramentata kienet prezentata gurnata tard ma kellux iwassal ghall-kontumacja taghha ghaliex b`hekk kien ivvjolat il-principju *audi alteram partem*. Bl-istanza taghha r-rikorrenti qeghda tikkontendi li l-istitut tal-kontumacja huwa nkonsistenti mal-harsien tal-jedd ghal smigh xieraq u tal-principji tal-gustizzja naturali.

Tikkontendi li l-harsien tal-jedd ghal smigh xieraq ghandu dejjem jitqies fl-isfond tad-dritt tal-attur li jara li kawza li jkun ipprezenta tipprocedi kif ukoll li l-interess tal-gustizzja jesigi li l-process gudizzjarju jiehu l-kors naturali tieghu. It-terminu ghall-prezentata tar-risposta guramentata stabbilit bl-Art 158 ntal-Kap 12 huwa ntiz sabiex jithares bilanc bejn l-interessi tal-partijiet kollha f`kawza. Il-process gudizzjarju m`ghandux jiddependi biss mir-rieda tal-konvenut.

Tissottometti li meta konvenut ma jipprezentax risposta guramentata fit-terminu legali, jitqieghed fi stat ta` kontumacja u bhala konsegwenza jirrimetti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Ma jkun hemm ebda vjolazzjoni tal-principju ta` *audi alteram partem* jekk lill-Qorti jirrizultalha li l-konvenut jew b`rieda jew bi traskuragni tieghu ma jobdix l-ordnijiet taghha u ma jipprezentax id-difiza tieghu kontra t-talbiet attrici skont il-ligi. L-Art 158(10) tal-Kap 12 jippermetti li konvenut igib prova sabiex jissodisfa lill-qorti li kellu raguni tajba ghaliex ma pprezentax ir-risposta guramentata. Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti ma ghamlitx din il-prova. Infatti mill-atti tal-kawza jirrizulta li fl-udjenza tal-5 ta` Ottubru 2011, ghalkemm l-avukat difensur tas-socjeta rikorrenti talab li jiggustifika l-kontumacja tas-socjeta, kull ma ghamel kien li rrileva li ghalkemm ir-risposta kienet mahlufa fit-terminu `*ghal xi raguni*` (kliem l-avukat) it-timbru tal-Qorti kien juri mod iehor. Ir-rikorrenti ma gabitx provi ; kemm ghamlet osservazzjoni. Ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti cahdet it-talba ghal gustifikazzjoni tal-kontumacja, kif qeghda tallega s-socjeta rikorrenti. Ma jirrizultax li r-rikorrenti qatt ipprezentat rikors biex il-qorti taghti decizjoni dwar it-talba taghha biex tiggustifika l-kontumacja. In-nuqqas tar-rikorrenti kien kolpuz u volontarju.

Tikkontesta bhala fallaci l-argument tar-rikorrenti illi bil-mod kif kien interpretat l-Art 158 tal-Kap 12 mill-qrati ordinarji kien hemm ksur tal-jedd taghha ghal smigh xieraq. Il-kontumacja mhijiex ammissjoni. Anzi hija l-maqlub : kontestazzjoni. L-attur ghandu l-obbligu li jipprova dak li qed jitlob sal-grad rikjest mil-ligi. Il-kawza

kienet deciza fuq l-assjem tal-provi, wara li r-rikorrenti pprezentat sottomissjonijiet bil-miktub kif jipprovdi l-Art 158(10) tal-Kap 12.

Tishaq li l-argumenti kollha li gabet ir-rikorrenti fil-kawza tal-lum kienu trattati, decizi u respinti mill-qrati ordinarji.

Ghalkemm fil-kawza odjerna r-rikorrenti kellha kull opportunita` li taghmel prova ta` kemm seta` kienet gustifikata l-kontumacja taghha baqghet ghal kollox inadempjenti f`dan is-sens.

## IV. <u>L-ilment</u>

Ir-rikorrenti tilmenta li *fil-proceduri fl-ismijiet `Concorde Developments Ltd` vs. B. Grima & Sons Limited` (Rik Gur 572/2011)* [it-tieni talba] garrbet vjolazzjoni tal-jedd taghha ghal smigh xieraq hekk kif dan il-jedd huwa mhares bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ("**<u>il-Kostituzzjoni</u>**") u bl-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali ("**<u>il-Konvenzjoni</u>**").

L-ilment tar-rikorrenti huwa mfisser fil-premessi tar-rikors promotur **<u>senjatament</u>** :-

### <u>Il-premessa nru. 3</u>

*… fl-ewwel dehra tal-5 t`Ottubru 2011, fuq talba verbali tal-avukat ta` `Concorde Developments Limited`, ir-risposta guramentata tar-rikorrenti giet sfilzata b`mod immedjat minn din l-Onorabbli Qorti u l-kumpannija esponenti tpoggiet fi stat ta` kontumacja u fl-istess waqt giet michuda wkoll it-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja. Dak li gara f`dawk il-ftit minuti kellu konsegwenzi serji u gravi ghar-rikorrenti li ghadhom isofru l-pregudizzju taghhom sal-lum.*

### <u>Il-premessa nru. 4</u>

*… ir-rikorrenti gew effettivament imcahhda mid-dritt li jiddefendu l-kawza … u, b`interpretazzjoni hazina tal-ligi (Art. 158 tal-Kap. 12) cahdet ukoll it-talba tar-rikorrenti sabiex jiggustifikaw il-kontumacja.*

*Dan imbaghad wassal ghas-sentenza tat-2 t`Ottubru 2012 fejn ir-rikorrenti gew ikkundannati jhallsu s-somma ta` €84,131 lil `Concorde Developments Ltd`.*

**<u>Il-premessa nru. 5</u>**

*Illi fl-istadju tal-appell, fis-sentenza tas-27 ta` Jannar 2017, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri minkejja li qablet mar-rikorrenti li l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili interpretat b`mod zbaljat l-Art. 158 tal-Kap 12, cahdet dik il-parti tal-appell billi kkonkludiet, ukoll b`mod zbaljat, li r-rikorrenti kienu nghataw id-dritt jiggustifikaw il-kontumacja taghhom izda naqsu milli jgibu l-provi ghal dan. L-appell intlaqa` in parti fuq il-mertu u r-rikorrenti giet ikkundannata thallas lil Concorde Developments Ltd. is-somma ta` €47,821 bl-imghax mit-2 t`Ottubru 2012.*

**<u>Il-premessa nru. 6</u>**

*Illi meta dan l-izball tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri gie rilevat fi stadju ta` ritrattazzjoni, l-istess Onorabbli Qorti naqset milli tifhem l-ilment tar-rikorrenti u fis-sentenza tat-2 ta` Marzu 2018, cahdet l-ilment tar-rikorrenti ghar-raguni li : "mill-atti tal-kawza ma tirrizulta li tressqet ebda prova sabiex tittenta tiggustifika l-istat kontumaci taghha". Ta` min jinnota wkoll li f`dik is-sentenza giet riprodotta s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti minflok is-sentenza tal-appell tas-27 ta` Jannar 2017 li minnha kienet proprju ntalbet ir-ritrattazzjoni.*

**V. <u>Dritt</u>**

**Id-<u>disposizzjonijiet rilevanti</u> ghad-decizjoni ta` din il-vertenza huma :-**

**a) <u>L-Art 158(10) tal-Kap 12</u> :-**

> *Jekk il-konvenut jonqos li jipprezenta r-risposta guramentata msemmija f`dan l-artikolu, il-qorti tiddeciedi l-kawza bhallikieku l-konvenut baqa` kontumaci kemm-il darba ma jippruvax ghas-sodisfazzjon tal-qorti raguni tajba li ghaliha naqas li jipprezenta r-risposta guramentata*

*fiz-zmien li jmiss. Il-qorti ghandha, madankollu, qabel ma taghti s-sentenza, taghti lill-konvenut zmien qasir li ma jistax jiggedded biex fih jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruhu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet ghandhom jigu notifikati lill-attur li jkollu zmien qasir biex jirrispondi.*

**b) <u>L-Art 39(2) tal-Kostituzzjoni</u> :-**

*Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b`ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta` drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali ; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli.*

**c) <u>L-Art 6(1) tal-Konvenzjoni :-</u>**

*Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta` l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi.*

## VI. <u>Dottrina</u>

Fil-Pag 201 ta` **"<u>Law of the European Convention on Human Rights</u>** (Second Edition : 2009 : OUP) l-awturi **<u>Harris, O`Boyle u Warbrick</u>** ighidu hekk dwar l-Art 6 tal-Konvenzjoni :-

*The Court* (b`riferenza ghall-ECtHR) *has stressed that "the right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting Article 6(1) of the*

*Convention restrictively" (**Perez v France** – 2004 I ; 40 EHRR 909 para 64 GC).*

Fil-Pag 202 ikomplu jaffermaw illi :-

*The Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate … A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of results as of conduct, with national court being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial.*

Fil-Pag 204 jinsistu illi :–

*In some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of "actual prejudice" to the applicant.*

Fil-Pag 224 ighidu :–

*Article 6 does not control the content of a state`s national law ; it is only a procedural guarantee of a right to a fair hearing in the determination of whatever legal rights and obligations a state chooses to provide in its law.*

Imbaghad fil-Pag 251 isostnu illi :–

*The right to a fair hearing supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle, which applies to civil as well as criminal proceedings, requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial*

*disadvantage vis-à-vis his opponent. In general terms, the principle incorporates the idea of a fair balance between the parties.*

## VII. <u>Gurisprudenza</u>

Mill-gurisprudenza citata mill-partijiet, il-Qorti sejra tirreferi ghal zewg sentenzi partikolari.

Fis-sentenza li tat fit-3 ta` Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Joseph Emanuel Ruggier et v. Joseph Oliver Ruggier</u>** il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

*… l-istitut tal-kontumacja mhuwiex fih innifsu inkompatibbli mal-imsemmi principju tal-gustizzja naturali u mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ghaliex id-dritt tal-konvenut li jidher ghall-process gudizzjarju u jiddefendi ruhu kontra t-talbiet li jsiru kontrih ma jistax jitqies f`termini assoluti ghaliex tali dritt jista` jigi rinunzjat. Ir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja tirrikjedi li jinstab bilanc ragjonevoli bejn dan id-dritt ta` smigh xieraq li kull konvenut huwa ntitolat ghalih min-naha wahda, u d-dritt tal-attur u l- interess tal-gustizzja in generali min-naha l-ohra, sabiex il-process gudizzjarju mibdi jkun jista` jiehu l-kors normali tieghu. Jekk dan il-bilanc ma jinstabx, il-process gudizzjarju jista` jsir unikament dipendenti fuq il-volonta` tal-konvenut, u b`hekk l-istess process jista` jisfa` indebitament intralcjat minn dak il-konvenut li jkun malintenzjonat.*

*…*

*Huwa manifest li biex il-principju fundamentali tal-gustizzja procedurali audi alteram partem ma jigix applikat fil-prattika fil-process gudizzjarju jkun irid jirrizulta lill-Qorti li hemm ragunijiet cari u univoci li juru effettivament li l-konvenut ghax irid, jew bi traskuragni, jrid jiddizobedixxi l-ordni tal-Qorti biex jidher ghas-smigh tal-kawza u jirrispondi ghall-gudizzju, u b`hekk ikun effettivament wera li rrinunzja ghad-dritt fundamentali tieghu li l-Qorti tisma` x`ghandu xi jghid bid-difiza tieghu nnifsu.*

Fis-sentenza li nghatat mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta` Lulju 2014 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Rea Ceramics Ltd v. Kunsill Malti ghall-Isport et</u>** inghad hekk –

*Din il-Qorti tikkonsidra opportun li tirriferi ghal certu principji rigwardanti l-istitut tal-kontumacja, kemm dwar ir-ratio legis tieghu, kif ukoll dwar il-mod kif in-nuqqas tal-konvenut jista` jigi sanat jekk jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li n-nuqqas tieghu li jipprezenta l-eccezzjonijiet fit-terminu preskritt mil-ligi kien fic-cirkostanzi gustifikat.*

*18. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba da parti tal-attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha ghall-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista` jindahal fit-tressiq ta` provi billi dan jammonta ghal forma ta` dizordni socjali. Maz-zmien il-qrati Maltin iddecidew li r-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista` jammonta ghall-htija, m`ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumacja titqies bhala wahda gustifikata. Di fatti l-gurisprudenza interpretattiva stabbliet certu fatturi li jirrendu l-kontumacja mhux gustifikabbli. Dawn huma fil-kaz li l-kontumacja: kienet volontarja jew kolpuza ; jew priva minn kawza gusta ; jew mankanza ta` impediment legittimu da parti tal-imharrek li kien pogga lill-istess fl-impossibilita` jew f`diffikulta` gravi li jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu ; jew ma kienx kaz ta` zball invincibbli .*

*19. Ukoll bl-Att XXIV/1995 iz-zmien preskritt mil-ligi ghall-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijet tal-konvenut gie estiz ghal 20 jum, u fil-kaz ta` kontumacja nghatat anke l-possibilita` ta` prezentata ta` nota ta` osservazzjonijiet, biex hekk kif jghid l-Artikolu 158[10] tal-Kap. 12, il-konvenut kontumaci jiddefendi ruhu kontra t-talba tal-attur, u dan fuq il-principju li l-kontumacja mhijiex ammissjoni jew semplici walk-over izda hija kontestazzjoni u allura xorta wahda l-attur jibqalu l-oneru li jressaq provi sodisfacenti in sostenn tat-talba tieghu.*

*Min-naha tieghu l-kontumaci ghandu l-fakolta` li jiddefendi ruhu billi jipprezenta nota ta` sottomissjonijiet bil-miktub, u wkoll billi jappella, kemm dwar is-sentenza li l-ewwel Qorti tkun iddecidiet li l-kontumacja ma kenitx gustifikata, kif ukoll mis-sentenza finali fuq il-*

*mertu. Ghandu wkoll il-fakolta` li jipprova jiggustifika l-kontumacja fl-istadju tal-appell, u, fil-kaz ta` ezitu negattiv fir-rigward, ghandu l-fakolta` li fl-appell jittratta dwar il-meritu.*

***Illi apparti dan kollu, l-kumpannija rikorrenti diga` kienet ressqet l-ilment tal-ksur tad-drittijiet fundamentali taghha quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, u dik l-Onorabbli Qorti cahdet dik it-talba peress li skont hi, kienu l-istess nuqqasijiet tal-kumpanija rikorrenti odjerna, f`dawk il-proceduri li wassluha ghas-sitwazzioni taghha.*** (enfasi ta` din il-qorti)

## VIII. Is-seba` (7) eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat Is-seba`(7) eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza

Fis-seba` (7) eccezzjoni, l-Avukat tal-Istat jeccepixxi :-

*Illi s-socjeta` rikorrenti diga` ressqet l-ilment dwar l-allegat ksur tad-dritt taghha ghal smigh xieraq fil-proceduri fil-kawza "Concorde Developments Limited vs B. Grima and Sons Limited" quddiem il-Qorti tal-Appell permezz tal-ewwel aggravju fl-appell li hija ghamlet mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-konfront taghha tat-2 ta` Ottubru 2012. Il-Qorti tal-Appell iddecidiet dan il-punt fis-sentenza taghha tas-27 ta` Jannar 2017 u sabet illi l-ilment tas-socjeta` konvenuta rigward l-allegat nuqqas ta` smigh xieraq mhuwiex gustifikat u dan peress illi kienu l-istess nuqqasijiet tas-socjeta` rikorrenti li wassluha ghas-sitwazzjoni taghha (ara fol. 18 tas-sentenza).*

**Similment** fis-seba` (7) eccezzjoni, il-kjamata fil-kawza teccepixxi :-

*Illi apparti dan kollu, l-kumpanija rikorrenti diga` kienet resqet l-ilment tal-ksur tad-drittijiet fundamentali taghha quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, u dik l-Onorabbli Qorti cahdet dik it-talba peress li skont hi, kienu l-istess nuqqasijiet tal-kumpanija rikorrenti odjerna, f`dawk il-proceduri li wassluha ghas-sitwazzioni taghha.*

Fl-essenza taghhom, b`dawn l-eccezzjonijiet, qeghda tkun eccepita r-**res judiciata**.

**Il-Qorti tqis illi <u>kif dedotti</u> dawn l-eccezzjonijiet partikolari jikkostitwixxu pregudizzjali. Jekk ikunu akkolti, tieqaf l-azzjoni tar-rikorrenti, u allura jkun inutili l-istharrig tat-talbiet tar-rikorrenti fil-mertu.**

**Sabiex ikun hemm *res judicata*, jehtieg li jikkonkorru tliet elementi :**

**a)** ***eadem res*** **;**
**b)** ***eadem causa petendi*** **; u**
**c)** ***eadem personae.***

## 1. <u>Gurisprudenza</u>

Analizi ta` l-element ***<u>eadem res</u>*** saret fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tad-9 ta` Jannar 2002 fil-kawza "**<u>Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Ltd</u>**".

Hemm inghad illi dan l-element jirrigwarda l-fatt li l-oggett mertu tat-talba l-gdida jkun identiku ghat-talba precedenti li tkun giet determinata b`sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Ghalhekk sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem qorti, jekk din hi ntiza sabiex tottjeni xi haga **<u>differenti</u>** ghal dak li kien intalab b`talba precedenti li giet determinata b`sentenza ta` qabel.

Minn dan isegwi li anke jekk l-oggett ta` t-talba l-gdida hu **<u>simili</u>** ghal dak ta` decizjoni precedenti, **<u>izda mhux identiku</u>**, is-similarita` mhijiex ostakolu ghat-talba gdida ghaliex l-effetti ta` sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li jkunu ressqu l-partijiet u ddecidew il-qrati.

Mill-interpretazzjoni li jaghtu d-diversi awturi ta` kif ghandha tigi determinata l-identita` ta` l-oggett jidher illi l-ahjar metodu hu li l-qorti tezamina jekk il-kwistjoni li titressaq fit-talbiet attrici tkunx giet jew le deciza fis-sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Ghalhekk, wiehed irid jara jekk il-punt imqajjem f`dawn it-talbiet kienx determinat fis-sentenza l-ohra jew jekk baqax mhux deciz. Jekk il-kwistjoni tkun giet trattata u deciza, allura jkun hemm l-identita` ta` l-oggett.

L-element ***eadem causa petendi*** jirrikjedi li *"the cause of the claim"* fit-talba l-gdida tkun l-istess bhat-talba precedenti li tkun giet deciza b`sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Il-*causa petendi* hi "*the title on which the demand is based*". Sabiex jirrizulta l-element, irid jigi ppruvat li l-kawzali tat-talba l-gdida tkun fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba li kienet giet determinata b`sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-gudikat ma jigix nieqes minhabba id-diversita` ta` motivi tal-*causa petendi.*

L-element ***eadem personae*** kien trattat fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta` Settembru 2003 fil-kawza fl-ismijiet "**Charles Cortis v. Francis X. Aquilina et**" fejn inghad :-

*L-element tal-identita` tal-persuni, huwa wkoll fondamentali u ta` siwi daqs iz-zewg elementi l-ohrajn. In-nuqqas tieghu huwa bizzejjed biex jeskludi l-gudikat ghaliex min ma kienx prezenti fil-gudizzju, u lanqas kien fih rappresentat legittimament, ma jistax jitqies marbut b`sentenza moghtija u li ghaddiet in gudikat, ukoll jekk l-ezitu ta` dik is-sentenza ikun jiffavorih.*

**It-tlett elementi huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk nieqes imqar wiehed minnhom, taqa` l-eccezzjoni.**

Inghad ukoll illi *res judicata* ghandha applikazzjoni restrittiva.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta` Marzu 2003 fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Borg et v. Anthony Francis Willoughby**" kien rilevat illi :-

*Il-fundament ta` l-"actio" u ta` l-"exceptio judicati" hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija `strictissimae interpretationis`.Li jfisser li l-atturi ma jkunux jistghu permezz ta` kawza ohra jifthu t-trattazzjoni ta` l-istess punti fl-istess kwistjoni li gja gew diskussi f`kawza deciza b`sentenza li gja ghaddiet f`gudikat.*

*Sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa` mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat.*

*L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b`cirkospezzjoni kbira, u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta si tratta minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah gudikat implicitu. Biex ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet `effettivament` deciza bis-sentenza ta` qabel … Fid-dubju l-Imhallef m`ghandux jippropendi favur l-eccezzjoni tal-gudikat.*

(ara wkoll : sentenza tal-5 ta` Marzu 1958 moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Caterina Gerada vs Avukat Dr. Antonio Caruana**")

Huwa pacifiku illi *"fejn dispositiv ta` sentenza jkun sempliciment jikkonsisti f` liberazzjoni ab observantia ma jistax jinghad li kien hemm gudikat vinkolanti bejn il-partijiet u allura l-kwestjoni tista` tigi riproposta`ex novo."* (Qorti tal-Appell : 10 ta` Marzu 2004 : "**Joseph Aquilina et noe v. Charles Camilleri**) ghaliex kif kien ritenut fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerc fl-4 ta` Dicembru 1884 fil-kawza "**Negte. Nicola Mifsud ed altri v. Comte. Paolo Albanese**" *"e` positivo che la sentenza liberatoria dell`osservanza del giudizio non sia definitiva in merito e nulla osta perche` le stesse domande siano riproposte."*

Kien ukoll stabbilit illi sabiex *res judicata* tigi eccepita b`success jehtieg li c-cirkostanzi tal-kaz jibqghu l-istess bhal dawk tal-kaz ta` qabel. Jekk ikun hemm bdil fic-cirkostanzi jigi li s-sentenza ta` qabel ma titqiesx ta` ostakolu ghar-riproposizzjoni tat-talba [ara : Qorti ta` l-Appeal (Inferjuri) tas-6 ta` April 2005 : "**Joseph Difesa v. L-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**"] kif ukoll : Prim`Awla tal-Qorti Civili : 20 ta` Jannar 2016 – "**Vella Estates Limited v. Raymond Azzopardi et**"; u "**David Theuma et v. Giuseppi Spiteri** – 2 ta` Marzu 2015 u l-gurisprudenza estensiva citata fiz-zewg decizjonijiet).

## 2. Konsiderazzjonijiet

Il-Qorti tirreferi ghall-istadju tal-appell fil-proceduri gudizzjarji, li dwarhom qeghda tilmenta r-rikorrenti fil-kawza tal-lum.

**L-isfilz tar-risposta guramentata kien aggravju fl-appell interpost mis-socjeta` rikorrenti u kien inkwadrat *anke* <u>fil-kuntest ta` vjolazzjoni tal-jedd ghal smigh xieraq</u>.**

Tant hu hekk illi fil-paragrafu 8 tar-rikors tal-appell, is-socjeta` rikorrenti tghid hekk :-

***"Illi l-kumpannija appellanti tishaq li bl-isfilz immedjat tar-risposta mahlufa taghha fis-seduta tal-5 ta` Ottobru 2011, gie pregudikat b`mod irriversibbli d-dritt taghha li tiddefendi ruhha f`din il-kawza, u tqis li tali decizjoni tikser ukoll id-dritt taghha ghal smigh xieraq hekk kif imhares mill-Artikolu 39(2) tal-kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319)."*** **[enfasi ta` din il-qorti]**

Fis-sentenza tas-27 ta` Jannar 2017 il-Qorti tal-Appell *inter alia* tghid hekk :-

*… jirrizulta pacifiku li r-risposta guramentata saret tardiva. Ghalkemm is-socjeta` konvenuta talbet li tiggustifika l-kontumacja, hija illimitat ruhha billi irrilevat li ghalkemm l-eccezzjonijet gew mahlufa fit-terminu preskritt "ghal xi raguni" t-timbru tal-Qorti jirrifletti mod iehor. Fir-rikors tal-appell is-socjeta` konvenuta tittanta talloka r-responsabilita` ghal dan in-nuqqas lir-registru tal-Qorti izda* ***<u>fil-verita`mill-atti tal-kawza ma tirrizulta li tressqet ebda prova sabiex tittenta tiggustifika l-istat kontumaci taghha</u>.*** *Hija attribwiet it-tardivita` ghal raguni vaga, li jista` jfisser hafna u mhux necessarjament nuqqas da parti tal-amministrazzjoni tal-Qorti.* [enfasi u sottolinear ta` din il-qorti]

Wara li ghamlet analizi tal-istitut tal-kontumacja b`riferenzi ghall-gurisprudenza, il-Qorti tal-Appell ghamlet dawn l-osservazzjonijiet li huma attinenti ghall-fattispeci tal-kaz de quo :-

*Kif inghad qabel, f`dan il-kaz ma saritx il-prova tal-kawza gusta li setghet tiggustifika l-kontumacja, jew li tali kawza gusta kienet tikkostitwixxi impediment legittimu, jew zball invincibbli li ma jammontax ghal kolpa. Ghalhekk f`dan il-kaz konvenuta ma sehhilhiex li tissana l-pozizzjoni taghha. Ma kien jinkombi fuq hadd hlief ghajr is-socjeta` konvenuta li tiggustifika r-raguni l-ghala r-risposta taghha saret tardivament, permezz tal-provi opportuni, kif wara kollox jipprovdi l-Artikolu 158(10) tal-Kodici ta Organizzazzjoni u Procedura*

*Civili. Ghalkemm din il-Qorti taqbel mal-argument imressaq mis-socjeta` konvenuta fis-sens li kontrarjament ghal dak li nghad mill-ewwel Qorti, ai termini tal-imsemmi artikolu tal-ligi, dik il-Qorti ghandha l-jedd u l-fakolta`li tuza d-diskrezzjoni taghha, sabiex tevalwa c-cirkostanzi mressqa quddiemha li jistghu jwasslu li l-kontumacja tal-konvenut tigi sanata, jekk kemm –il darba tirrizulta raguni tajba li setghet tiggustifika s-sitwazzjoni taghha.*

*Inoltre kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-5 ta` Ottubru 2011, u kif gustament rilevat mis-socjeta` appellata, fl-ewwel data appuntata ghas-smigh, hadd mid-diretturi jew rapprezentant iehor (ghajr ghad-difensur legali taghha) ma ndenja ruhu jidher quddiem l-ewwel Qorti. Dan jikkontrasta ma` principju iehor li jista` jinstilet mill-istess gurisprudenza citata mis-socjeta` konvenuta u cioe` li meta konvenut in kontumacja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawza dan jitqies bhala turija li ma kienx hemm dak id-dispett lejn l-awtorita` tal-Qorti, li jrid jirrizulta sabiex il-kontumacja ma tigix gustifikata. Fil-fatt fis-sentenza ta` din il-Qorti appena citata qabel, jinghad ukoll li ghalkemm gustifikazzjoni merament bazata fuq il-prezenza tal-konvenut fl-ewwel appuntament tal-kawza mhuwiex bizzejjed bhala turija li ma kienx hemm lejn l-awtorita` gudizzjarja :*

*"Dik il-prezenza ta` l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta` kontumacja ghandha tibqa` titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b`nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m`ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola".*

*Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li s-socjeta` konvenuta falliet fuq iz-zewg fronti, kemm li tressaq provi biex tiggustifika l-kontumacja taghha, kif ukoll li tidher fl-ewwel jum appuntat mill-ewwel Qorti, ghas-smigh tal-kawza.*

***Lanqas ma huwa gustifikat l-ilment tas-socjeta` konvenuta rigward l-allegat nuqqas ta` smigh xieraq jew li d-decizjoni tal-Qorti wasslet ghall-ksur tad-drittijiet taghha hekk kif sanciti taht l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u lArtikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, ladarba kienu l-istess nuqqasijiet tas-socjeta` konvenuta li wassluha ghas-sitwazzjoni taghha. L-atti processwali jindikaw illi hija giet***

***debitament notifikata u li ghalkemm kellha l-opportunita` li tiggustifika l-kontumacja taghha li tressaq l-eccezzjonijiet taghha fil-waqt, hija naqset sahansitra milli tipprova tissana l-pozizzjoni taghha, u ghalhekk imputet sibi.*** (enfasi ta`din il-qorti)

*Isegwi ghalhekk, li ghalkemm ghal ragunijiet differenti, din il-Qorti waslet ghall-istess konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti, li l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta kellhom jigu sfilzati mill-atti u ghalhekk ma tqisx illi l-ewwel parti tal-appell principali tas-socjeta` konvenuta jimmerita li jintlaqa`.*

Ghalkemm l-aggravju rigward l-isfilz tar-risposta guramentata mill-ewwel qorti kien michud, kien milqugh parzjalment l-aggravju li kien jirrigwarda d-danni, fis-sens illi l-Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza tal-ewwel qorti billi rriduciet il-quantum tad-danni li kien likwidat ghall-ammont ta` €47,281 sabiex b`hekk B. Grima kienet ikkundannata thallas lil Concorde dak l-ammont bl-imghax legali b`effett mit-2 ta` Ottubru 2012 sad-data tal-effettiv pagament. L-appell incidentali kien rigettat. Concorde kienet ordnata thallas l-ispejjez tal-appell incidentali, waqt li l-ispejjez l-ohra kollha kellhom jithallsu in kwantu ghal terz minn Concorde u in kwantu ghal zewg terzi minn B. Grima.

Wara din is-sentenza, is-socjeta` rikorrenti ttentat procedura ta` ritrattazzjoni abbazi tal-Art 811(l) tal-Kap 12.

Wara li ghamlet rassenja tal-principji tad-dritt li jirregolaw l-istitut tar-ritrattazzjoni in generali, u tad-disposizzjoni partikolari citata mir-ritrattandi, il-Qorti tal-Appell ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet :

*Is-socjetà ritrattandi tilmenta illi din il-Qorti bbazat is-sentenza taghha fuq dak li ssejjah "il-premessa zbaljata" li hija kienet inghatat il-fakoltà li tiggustifika l-kontumacja taghha izda naqset li taghmel dan. Izzid tghid li l-Qorti allura strahet fuq suppozizzjoni li ma tezistix. Ir-ritrattandi tkompli li fil-fatt hija qatt ma nghatat il-fakoltà li tiggustifika l-kontumacja taghha u dan ghaliex l-ewwel Qorti kienet ordnat l-isfilz tar-risposta taghha ghaliex giet prezentata tard. Kwindi hija ssostni li mhux minnu li nghatat il-fakoltà tiggustifika l-kontumacja u ma ghamlitx dan.*

*Ezami tas-sentenza li qed tintalab ritrattazzjoni taghha jindika car u tond li l-argument tas-socjetà ritrattandi ma hux fattwalment korrett. Kull ma jinghad fis-sentenza tal-appell hu li "Fir-rikors tal-appell is-socjeta` konvenuta tittanta talloka r-responsabbilita` ta` dan in-nuqqas lir-registru tal-Qorti, izda fil-verita` mill-atti tal-kawza ma tirrizulta li tressqet ebda prova sabiex tittenta tiggustifika l-istat kontumaci taghha". Dan ma hu zball xejn ghax dan hu dak li verament jirrizulta. Ma hemm ebda assunzjoni ta` xejn. Huwa fatt li "mill-atti tal-kawza ma tirrizulta ebda prova sabiex tittenta tiggustifika l-istat kontumaci taghha". Qalet sew il-Qorti li kien jinkombi fuq is-socjeta` konvenuta li ggib provi biex tiggustifika l-kontumacja taghha u mill-atti ebda tali provi ma kien jirrizulta li gew prodotti ghalkemm kjarament fl-ewwel istanza is-socjeta` ritrattandi kienet allegat nuqqas tar-Registratur tal-Qorti li giex pruvat. Allura ma hemm ebda zball jew assunzjoni ta` xi fatt da parti tal-Qorti tal-Appell.*

***Ghalhekk huwa evidenti li l-presuppost ghat-talba ghall-smigh mill-gdid tal-kawza ma jezistix. Jaqghu ghalhekk l-argumenti kollha tas-socjeta` ritrattandi b`mod u manjiera li ma hemmx lok ta` ezami aktar approfondit tat-talba. Din il-Qorti zzid tghid biss li s-sentenza ta` din il-Qorti ghalhekk kienet korretta u ma jirrizulta ebda zball. Ghandu jizdied li l-kwistjoni tal-kontumacja ma kienx il-fattur determinanti fis-sentenza in kwistjoni kif jidher car mill-istess sentenza fuq riprodotta li ghaddiet sabiex b`mod ezawrjenti tindirizza il-mertu tal-kawza**.* (enfasi ta` din il-qorti)

Ghalhekk it-talba ghar-ritrattazzjoni kienet respinta bl-ispejjez ghal B. Grima.

**Wara li tat konsiderazzjoni ghall-fatti u ghac-cirkostanzi li johorgu mill-atti processwali ta` dan il-kaz, din il-Qorti ssib li r-*res judicata* tirrizulta ppruvata.**

Dwar ir-rekwizit ***eadem res**,* tajjeb jinghad illi meta rrikorriet quddiem il-Qorti tal-Appell, is-socjeta` rikorrenti ddikjarat ruhha aggravata li t-trattament li rceviet mill-qorti tal-ewwel istanza li kellu bhala konsegwenza l-isfilz tar-risposta guramentata kien lesiv ghall-jedd taghha ghal smigh xieraq (Art 6 tal-Konvenzjoni u Art 39 tal-Kostituzzjoni). Bil-fatt li ndikat dak l-aggravju jfisser li s-socjeta` rikorrenti kienet qeghda tistenna li l-Qorti tal-Appell taghti decizjoni

dwar dak l-aggravju. U kif rajna l-Qorti tal-Appell hekk ghamlet. Issa fejn fil-procediment odjern talbet minn din il-qorti dikjarazzjoni ta` vjolazzjoni tal-jedd ghal smigh xieraq skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni u l-Art 39 tal-Kostituzzjoni konsegwenza tal-isfilz tar-risposta guramentata jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti ressqet l-istess domanda li kienet ghamlet lill-Qorti tal-Appell. Huwa evidenti li l-oggett tat-talba li saret lil din il-qorti huwa identiku ghat-talba dwar l-aggravju li kien determinat mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell li mhux kontestat li ghaddiet in gudikat. Li qed jintalab fil-kawza tal-lum mhuwiex differenti minn dak li dwaru tat decizjoni l-Qorti tal-Appell. Lanqas ma huwa dan kaz ta` talba simili ghal dik li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell imma si tratta ta` talba identika mertu ta` aggravju li dwarha l-Qorti tal-Appell ippronunzjat ruhha.

**Ir-rekwizit *eadem res* jirrizulta.**

Dwar ir-rekwizit ***<u>eadem causa petendi</u>*** l-Qorti tirrileva li aktar kmieni rreferiet ghall-kawzali li abbazi taghha s-socjeta` rikorrenti sawret l-aggravju taghha tal-lezjoni tal-jedd taghha ghal smigh xieraq. Il-Qorti tghid li l-kawzali mertu ta` dak l-aggravju kienet respinta mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha. Ma tistax tippretendi s-socjeta` rikorrenti li ghax il-proceduri ordinarji ghaddew in gudikat u allura ezawriet ir-rimedji ordinarji taghha ggib l-istess kawzali bl-istess pretensjoni ta` lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq fi procediment straordinarju bhal ma huwa dak kostituzzjonali u konvenzjonali tal-lum. Jekk ikun permess dan ikun qed jigi ammess forma ta` appell *del terzo grado* li mhux ammess fl-ordinament guridiku taghna.

**Ir-rekwizit *eadem causa petendi* jirrizulta wkoll.**

Dwar ir-rekwizit ***<u>eadem personae</u>*** jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti u dik kjamata fil-kawza fil-kawza tal-lum kienu wkoll partijiet fil-kawza fuq riferita li kienet deciza mill-qrati ordinarji.

**Anke t-tielet rekwizit *eadem personae* jirrizulta wkoll.**

**Ghalhekk is-seba` (7) eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u s-seba`(7) eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza qeghdin jigu milqugha.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` s-seba` (7) eccezzjoni tal-intimat.**

**Tilqa` s-seba`(7) eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimat u tal-kjamata fil-kawza.**

**Tichad it-talbiet tar-rikorrenti.**

**Tordna lir-rikorrenti sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**